# Punti mill-Omelija tal-E.T. Mons. Arċisqof Pawlu Cremona O.P. waqt il-Quddiesa għall-Koppji Miżżewġa ġodda nhar Is-Sibt 18 ta' Jannar 2014 fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta.

Waqt l-omelija, l-E.T. Mons. Arċisqof Pawlu Cremona O.P. ħeġġeġ lill-koppji miżżewġa ġodda biex jaħsbu u jirriflettu aktar dwar il-mogħdija tagħhom minn għarajjes għall-miżżewġin bi Żwieġ Sagrament. Is-Sagrament, spjega l-Arċisqof, hu għajnuna li jagħtina l-Mulej fid-diversi esperjenzi tal-ħajja; is-sagrament huwa għajn ta' grazzja.

Hu ħeġġeġ lill-koppji miżżewġa biex jagħmlu eżami tal-kuxjenza u jirriflettu dwar dawn it-tlett punti:

1. Il-Mulej, fil-Kotba Mqaddsa qalilna li aħna xbieha t'Alla, don għal xulxin minn Alla l-Imbierek. F'dawn ix-xhur li ilkom miżżewġin, għidtulu grazzi l-Mulej ta' dan id-don?

2. Aħna rridu nħobbu b'mod speċjali, għax l-imħabba li dħaltu għaliha hi differenti minn dik li tippreżenta d-dinja tal-lum. Id-dinja tal-lum ma jinteressahiex li jkollok imħabba li tibqa' sejjer biha sal-aħħar. Aħna jrid ikollna kwalità ta' mħabba kif għallimna Ġesù biex nibqgħu fidili lejn xulxin sa l-aħħar. Ħafna drabi rridu nibdew minna nfusna qabel ma nduru lejn ir-raġel jew il-mara tagħna. Trid tikkoreġi lilek innifsek biex tibqa' miexi fl-imħabba.

3. Fis-sagrament taż-żwieġ, li mhux tat-tieġ, imma taż-żwieġ, Kristu offrilkom li jibqa' fil-ħajja tagħkom. L-Ewkaristija tagħtina s-saħħa. Kemm qed nersqu b'mod regolari għall-Quddiesa tal-Ħadd, u jekk jista' jkun anke ta' kuljum?

L-E.T. Mons. Arċisqof għalaq l-omelija billi ħeġġeġ lill-koppji miżżewġa biex jissieħbu f'wieħed minn diversi gruppi tal-familji fi ħdan il-Knisja Kattolika biex jibnu u jħossuhom parti mill-Komunità Nisranija. Irridu nkunu Komunità Nisranija li nitkellmu b'ilsien Nisrani.